

# il-hajja ta' kristu gesu'

## GESU' JKECCI SPIRTU HAZIN MINN TIFEL.

**Matt. 17:14-21; Mark 9:14-29; Luqa 9:37-45**



Gesu' resaq fuq id-dixxipli tieghu li madwarhom kien hemm folla agitata.

Hekk kif Gesu' resaq fuqhom ragel hareg mill-folla u nizel gharkubtejh quddiem Gesu' u qallu "Mulej ikollok hniena minn ibni ghaliex jaghtih tal-qamar u bosta drabi jaqa' fin-nar

jew fl-ilma. Gibtu lid-dixxipli tieghek imma ma setghux ifejquh."

Gesu' dar fuq missieru u qallu biex igib it-tifel quddiemu. Meta t-tifel sab ruhu quddiem Gesu', l-ispirtu hazin tefghu bil-qawwa ma' l-art. Hemm kien mixhut ma' l-art fost it-trab bir-rawgha hierga minn halqu.

Gesu' staqsa lil missieru: "Kemm ilu jaghtih hekk lil ibnek?"

U l-missier wiegeb: " Minn mindu kien tifel ckejken. Hafna drabi l-ispirtu mnigges thajjar jeqirdu: imma Inti jekk tista' taghmelxi haga ghalina, ikollok hniena minna u ghinna."

Gesu' qallu: "Jekk temmen kollox hu possibli."

Imbaghad il-missier qal: " Mulej ghinni; ghin il-fidi dghajfa tieghi."

Imbaghad Gesu' ordna lil ispirtu hazin johrog mit-tifel u ma jittormentahx izjed. L-ispirtu ghajjat wahda kbira u hareg mit-tifel filwaqt li hallih mitluf minn sensih fl-art.

In-nies grew lejn il-post fejn kie hemm it-tifel u qalu: " Huwa mejjet."

Imma Gesu' tbaxxa qabadlu idejh u ghenu jieqaf fuq riglejh. Imbaghad tah lil missieru u telaq minn hemm.

Meta dahlu d-dar l-appostli qalu li Mulej: " Ghaliex ahna ma stajniex nohorgu l-ispirtu hazin mit-tifel?"

Wegibhom: " Ghaliex kellkom nuqqas ta' fidi.  Din il-kwalita' ta' spirti hziena jitkeccew biss bit-talb u l-penitenza."

Riflessjoni:

Il-hazen nirbhuh biss meta nitolbu u naghmlu penitenza. Il-hazin dejjem idur madwarna biex jara kif ser jirbahna ghalih, izda bizzejjed il-le taghna u dan ma jirbahna qatt.

Izda biex nghidu le, jehtigilna li nsahhu r-rieda taghna biex inservu lil Alla wahdu, bit-talb ul-penitenza.  Bizzejjed li tghid talba qasira li tigi f'mohhok dak il-him: MULEJ GHINNI, MARIJA SSMA. KUN INTI L-OMM TIEGHI U DDEFENDINI, etc etc…. Meta nhossu li ser nitbeghdu minn Alla, nghidulu malajr: Mulej ghin il-fidi dghajfa tieghi.

U dak il-hin isehh miraklu ghaliex jigi l-Mulej u jieqaf maghna f'dak il-mument li fih ahna rridu nibqghu fidili Lejh.